# FERĦ TAL-MILIED FIL-FORTI SANT'IERMU

# U L-MUŻEW NAZZJONALI TAL-GWERRA

**Stqarrija l 18 ta' Novembru 2024**

Bejn it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru, Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku biex jesperjenza l-maġija ta' żmien il-festi fil-Forti Sant'Iermu u l-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra fil-Belt Valletta, fit-tieni edizzjoni ta' 'Milied fil-Forti'.

Il-forti se jiftaħ mid-9:00 am sal-11:30 pm is-Sibt, u mid-9:00 am sat-8:00 pm il-Ħadd. Tiżjin tal-Milied il-ġmiel tiegħu, dwal iteptpu u girlandi ħodor iffullati se jittrasformaw dan is-sit storiku f'oasi ta' briju festiv li tiġbor fiha l-ispirtu tal-Milied Malti, u li se tinkludi wkoll presepju tradizzjonali Malti.

Se jkun hemm għall-bejgħ ikel u xorb delizzjuż, li jinkludi wkoll riċetti tradizzjonali ta' żmien il-Milied, inbid servut sħun bil-ħwawar, imbuljuta (xarba tipika Maltija biċ-ċikkulata, ħwawar u qastan), u cocktails speċjali, li se jżommu lill-viżitaturi kuntenti u mgezzin waqt li jesploraw. Preżentazzjoni live ta' skultura taċ-ċikkulata se tgħaxxaq lill-udjenzi fiż-żewġ dati.

Dawk li qed ifittxu rigali uniċi għal taħt is-siġra tal-Milied jew biex jimlew il-kalzetta tal-Milied bihom se jkollhom xalata ta' għażliet fis-suq artiġjanali, fejn artisti lokali mimlijin talent se jkunu qed juru x-xogħlijiet tagħhom magħmulin bl-idejn. L-iżgħar fostna jistgħu jieħdu sehem f'logħob u sessjonijiet interattivi, jiltaqgħu u jieħdu ritratti ma' Santa Klaws innifsu, u jibagħtulu l-ittri tagħhom, biċ-ċans li jirbħu premjijiet speċjali!

Purċissjoni b'Ġesù Bambin is-Sibt filgħaxija u quddiesa speċjali l-Ħadd filgħodu se jgħaqqdu flimkien kemm turisti kif ukoll viżitaturi lokali fit-tifsira solenni tal-istaġun. Tul il-jumejn tal-attività, wirjiet minn diversi kantanti, korijiet, u baned, inkluż kunċert grandjuż tal-Milied mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta l-Ħadd filgħaxija, u diversi workshops u taħditiet li jesploraw aspetti differenti ta' żmien tal-Milied, se jassiguraw divertiment għal kulħadd. Il-programm sħiħ tal-attivitajiet huwa elenkat hawn taħt. Il-biljetti għal avvenimenti li jeħtieġu li tirriserva postok għalihom minn qabel jistgħu jinxtraw minn hawn: www.heritagemalta.mt/store jew billi żżur kwalunkwe mużew jew sit ta' Heritage Malta.

Dan l-avveniment qed jittella' taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, b'appoġġ għall-Malta Community Chest Fund Foundation. Id-dħul huwa b'xejn, iżda donazzjonijiet biex jgħinu din il-kawża ġusta huma mħeġġa. L-annimali domestiċi huma milqugħa imma jridu jinżammu biċ-ċinga l-ħin kollu. Se jkun hemm servizz ta' shuttle mill-Park and Ride tal-Furjana sal-Forti Sant'Iermu.

**Il-programm ta' attivitajiet:**

**Is-Sibt 30 ta' Novembru 2024 (09:00-23:30)**

– Merħba minn Santa Klaws – 09:00-09:15

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

- Dimostrazzjoni ta' kif jinħolqu l-presepji – 09:00-16:00
- Tradizzjonijiet tal-Milied – Taħdita interattiva bil-Malti ma' Trevor Zahra – 10:00-11:00 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Traditional Christmas Food & Sweets – Taħdita interattiva bl-Ingliż ma' Noel Buttigieg – 11:30-12:15 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Christmas Wartime Chronicles – Dawra ggwidata mal-Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, bl-Ingliż – 12:30-13:30 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Traditional Christmas Food & Sweets – Taħdita interattiva bl-Ingliż ma' Noel Buttigieg – 16:30-17:15 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Purċissjoni b'Ġesù Bambin, akkumpanjata minn għażla mużikali mis-Soċjetà Filarmonika King's Own – 19:15-19:45

**Il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2024 (09:00-20:00)**

- Dimostrazzjoni tal-presepju – 09:00-13:00
- Quddiesa bi prietka tal-Milied – 09:00-09:45
- Tradizzjonijiet tal-Milied – Taħdita Interattiva bil-Malti ma' Trevor Zahra – 10:00-11:00 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Fonzu l-Fenek – Attività tat-Tfal – 12:30-13:00
- Christmas Wartime Chronicles – Dawra ggwidata mal-Arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra, bl-Ingliż – 13: 45-14: 45 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Pasturi Tradizzjonali – Workshop interattiv bil-Malti – 16:00-17:00 ***(trid tirriserva postok minn qabel)***
- Kunċert mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 18:30-20:00

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta